**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 41(1)(a), 261, 262, 263, 267, 268, 269, 276, 277(b), 279, 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 533/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Taliana Elton)**

**vs**

**NIGEL CALLEJA**
**(ID: 207299M)**

**Illum, 20 ta' Settembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **NIGEL CALLEJA** detentur tal-karta tal-karta ta' l-identita' bin-numru 207299 (M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Flimkien ma' tlett persuni ohra nhar it-28 ta' Lulju 2018 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17.30hrs) minn gol-fond Gnejnet il-Ward, Triq il-Kan. Karm Pirotta, Birkirkara:

1). Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-'valur' li jeccedi l-elfejn, tlett mija w disgha u ghorin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37), bil-'vjolenza', bil-'persuna', bil-'mezz', u bil-'lok', liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu tal-familja Ciantar.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali, stqarrija tal-imputat u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuza waqt is-seduta tal-lum tal-20 ta' Settembru 2018 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghall-akkuza giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-20 ta' Settembru 2018.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat l-istqarrija tal-imputat fejn iddeskriva fid-dettall u ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu fl-eventi li wasslu biex jigi mixli quddiem din il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Il-Qorti filwaqt li hadhet qies tal-fatt li ghalkemm l-imputat kien impjegat tal-persuna offiza u ghalhekk seta' kien strumentali biex tigi mfassla l-ezekuzzjoni tad-delitt, jirrizulta b'mod daqstant car mill-istqarrija tieghu li huwa rrilaxxa fis-6 ta' Awwissu 2018, liema stqarrija tikkostitwixxi prova

skont il-ligi, l-imputat x'aktarx li kien iggwidat minn influwenza hazina ta' kumpanija delinkwenta li jidher li qed jaghmilha maghha.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-eta` zghira tal-imputat li llum ghandu biss dsatax-il sena kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali tista' tghid li hija netta ghaliex ghandu biss reat wiehed registrat fuqha meta nstab hati talli kkometta reati ta' natura kontravvenzjonali kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, li ghalihom inghata canfira. Fic-cirkostanzi thoss li ma ghandhiex tippriva lill-imputat milli jkollu opportunita`, issa li ghadu jfegg fil-hajja adulta, li juri lis-socjeta` li tghallem, minn dan l-episodju, biex ma jxellifx dufrjeh iktar mal-ligi, u li jista' jigi fdat minghajr ma jkun imxekkel mid-dell ikrah ta' fedina penali mhux netta.

Il-Qorti ma tridx taghti l-impressjoni li l-imputat jista' jaghmel dak li jrid u ma jmurx il-habs: rat il-ko-operazzjoni tieghu sa minn stadju bikri tal-proceduri u ghaldaqstant, jidhrilha li ghandha taghti lill-imputat **l-ewwel u l-ahhar opportunita`** li jaqbad it-triq it-tajba u jfassal hajtu ta' adult b'mod responsabbli, billi jzomm 'il boghod minn u jaqta' mill-influwenza negattiva ta' min jista' jkun ta' tfixkil u hsara ghalih u ghall-futur tieghu, u billi jimxi fit-triq it-tajba.

Fil-kejl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tqis li ma jkunx spedjenti li twaħħal piena lill-imputat u ghalhekk wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sejra tilliberah bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul il-perijodu ta' tliet snin, liema perijodu huwa l-massimu li l-ligi tippermetti u dan sabiex jaghraf li mhuwiex mehlus mill-konsegwenzi ta' dan ir-reat li huwa qed jinstab hati tieghu.

Il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza kontrih ghar-reat li jinsab mixli bih illum.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li l-Artikoli tal-Ligi u cioe` l-Artikoli 41(1)(a), 261, 262, 263, 267, 268, 269, 276, 277(b), 279, 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat NIGEL CALLEJA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perjodu ta' tliet (3) snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li, ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**
**Magistrat**